# FIL-QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**tnejn (2) ta' Lulju 2019**

**Rikors Numru 1099/18 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dr Norval Desira (ID 430764M) bhala mandatarju specjali tal-kumpanija assenti International Properties and Investments Limited, b'ufficcju registrat gewwa Dubai, UAE**

**Vs**

**Oil & Ship Consultancy Limited bl-ufficcju registrat gewwa l-British Virgin Islands**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 2 ta' Novembru 2018, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* talab is-segwenti:

> *"Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti tad-Distrett ta' Paphos gewwa Cipru datata 27 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet* ***International Properties and Investment Limited, from Dubai, United Arab Emirates (Claimants) and Oil & Ship Consultancy Ltd, from the British Virgin Islands (Defendants)*** *bin-numru 783/18, bhala titolu ezekuttiv f'Malta, a tenur tal-Artikolu 36 et seq tar-Regolament Nru 1215/2012, u dan ghar-raguniiet kollha hawn fuq premessi u salv kull provvediment li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha taghti."*

2. Rat illi fit 3 ta' April 2019, Dr Roberto Montalto, debitament awtorizzat permezz ta' Board Resolution datata 5 ta' Novembru 2018 (fol 31), ipprezenta risposta fejn "*jiddikjara li ma joggezzjonax ghat-talba rikorrenti*". (fol 30)

3. Rat ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Dicembru 2012 illi tipprovdi ghar-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi moghtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea gewwa Malta.

4. Rat ic-certifikat mahrug mill-Qorti tad-Distrett ta' Paphos gewwa Cipru mahrug a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012 (fol 8).

5. Rat illi, abbazi tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament 1215/2012, ma hemm l-ebda raguni ghalxiex tali talba ta' rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti tad-Distrett ta' Paphos gewwa Cipru ma ghandhiex tintlaqa';

6. Tiddikjara li l-proceduri odjerni w id-dokumentazzjoni esebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

7. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti *nomine* kif dedotti;

Tiddikjara li qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti tad-Distrett ta' Paphos gewwa Cipru fl-ismijiet **International Properties and Investment Limited, from Dubai, United Arab Emirates (Claimants) and Oil & Ship Consultancy Ltd, from the British Virgin Islands (Defendants)** bin-numru 783/18 datata 27 ta' Lulju 2018

Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti hi enforzabbli u ezegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 1215/2012 tal-Unjoni Ewropea;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**